30 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Presiden*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Dr. Edgar Ellul, M.D.** *versus* **Francesca Galea et.**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ripreża ta' Pussess — Villeġġjatura.**

*Is-sid ta' post mikri li jkun użat għal villeġġjatura għandu jkun pr ferit lill-inkwilin; u għalhekk f'kondizzjonijiet pari s-sid għan d-dritt jieħu l-post għall-villeġġjatura tiegħu.*

Il-Qorti — Rat it-talba tar-rikorrent preżentata quddie il-Board li jirregola l-Kera, nru. 288/1947, biex jerġa' jieħ taħt idejh il-post nru. 8, Żabbar Street, Wied il-Għajn, mik lill-intimati, għax għandu bżonnu għalih u l-intimati għan hom fejn joqgħodu band'oħra, ċjoè nru. 69, St. George's Stre Bormla;

Rat is-sentenza tal-Board tal-21 ta' April 1947, fejn Board laqa' t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-i timati xahar żmien............; wara li l-Board ikkunsidra;

Li r-rikorrent, li huwa D.M.O. il-Hamrun, irid il-pc għalih biex meta jkollu bżonn, u jkun jista', imur jistrieħ Wi il-Għajn. Kieku l-intimati l-post ta' Wied il-Għajn kienu qeg din jisservew bih bħala abitazzjoni tagħhom ordinarja, huv evidenti li r-rikorrenti ma kienux ikun jista jeħodulhom; imn mill-provi jirriżulta li l-intimati l-lum it-tnejn joqgħodu B mla fid-dar imsemmija iżjed 'il fuq, allura ma hemm ebda r

ġuni l-għaliex ma għandux ikollu d-dritt is-sid li jokkupa ħwejġu a preferenza tal-kerrej;

Illi l-intimata Concetta Galea riedet issostni li għandha dritt tkompli tokkupa l-post għaliex hemmhekk tagħmel xi negozju, u l-interessi tagħha jsofru kieku kellha tiġi privata mill-fond. Issa apparti minn konsiderazzjonijiet oħra, l-intimati ma jridux jinsew li b'rikors preċedenti, deċiż ftit xhur ilu, ir-rikorrent kien ippretenda li jirriprendi pussess tal-fond għax l-intimati kienu biddlu d-destinazzjoni tiegħu peress li kienu jagħmlu fih negozju li qed jagħmlu issa, u huma stess sostnew li l-post kien post ta' abitazzjoni — pretensjoni din tagħhom li ġiet sostnuta mill-Board. Il-lum l-intimati li għandhom dar oħra Bormla ma jistgħux jallegaw bħala motiv ta' "hardship" ċirkustanza li huma stess fil-vertenza preċedenti allegaw u ġew sostnuti li hija ta' importanza tant żgħira li ma ġġibx magħha tbiddil ta' destinazzjoni;

Li meta l-intimati għandhom ġà f'idejhom dar oħra, ma hemm ebda bżonn li jkun hemm "alternative accommodation" bħal ma ppretendew..............;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti fejn l-intimata talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza billi jiġi deċiż li l-istess Dr. Ellul ma għandux dritt jerġa' jieħu lura l-fond ta' Wied il-Għajn minn għand l-appellanti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, li l-kawża tirraġġira kollha fuq interpretazzjoni ta' klawsola tal-kuntratt tal-kera, u għalhekk l-eċċezzjoni ma hix sostenibili;

Fil-meritu, illi l-appellanti tilmenta illi l-Board irritjena illi l-klawsola meta tispiċċa l-"Housing Emergency" tirriferixxi ruħha għall-każ partikulari ta' l-esponenti u mhux għall-kondizzjoni ġenerali, u barra minn dana, il-Board, għar-rigward ta' l-"alternative accommodation", ma ħax in konsiderazzjoni illi l-appellanti kienet ġiet rikonoxxuta bħala inkwilina, kif jirriżulta mill-attijiet tar-rikors deċiż mill-Board fil-11 ta' Novembru 1946;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent kien kera lill-intimata għal skop ta' abitazzjoni post Wied il-Għajn..............;

Bir-rikors ta' issa huwa qiegħed jitlob biex jieħu l-post għaliex l-intimata qiegħda tgħix ma' ommha u mhix tokkupa l-istess post. Dana jirriżulta mix-xhieda li ġew mismugħa. Qorti taqbel mal-Board illi l-espressjoni "meta tispiċċa l-Housing Emergency" għandha tiftiehem in relazzjoni mal-kontenut tal-kuntratt u mhux fis-sens ġenerali, għaliex dik il-klawsola kienet intiża biex tibbenefika lill-intimata biss fis-sens li ma kellhiex tiġi disturbata jekk minħabba l-emerġenza hija ma kienetx tista' ssib fejn toqgħod; u la darba hija qiegħda tgħix ma' ommha, għaliha l-Housing Emergency ma għandha ebda valur, għaliex il-post mhux okkupat minnha;

Jidher ċar li l-appellanti trid iżżomm il-post Wied il-Għajn bi skop ta' villeġġjatura; u la darba tant hija kemm ir-rikorrent jinsabu f'kondizzjonijiet pari, it-talba ta' l-istess rikorrent, li huwa D.M.O. il-Ħamrun u jrid il-post biex jista' jmur jistrieħ fih u huwa proprjetarju tal-post, għandha tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-Board, li hun adottati;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inapellabilità tas-sentenza bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; tiċħad l-appell u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż kontra l-intimata appellanti; b'dana illi ż-żmien prefiss mill-Board għandu jibda jgħaddi mil-lum.